**5 ta' Marzu, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Inez Barbara

*versus*

Carmel Ghigo

**Għerusija – Sponsali – Resiliment – Danni – Gravità**

*Kawża dwar resiliment ta' sponsali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-attriċi għad-danni. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat.*

*F'materja ta' tħassir ta' għerusija il-Liġi trid li min jonqos mill-wegħda jkollu raġuni gravi għal dan. Dak li jikkwalifika sewwa l-gravità tas-sitwazzjoni huwa r-rifless li d-deċiżjoni li wieħed jiżżewweġ, in-natura tal-kuntratt imwiegħed huwa tali li rtirata minnu timponi gravità ta' motivazzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fis-26 ta' Ottubru 1988, l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ppronunzjat, f'din il-kawża, din is-sentenza:

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni preżentata fit-2 ta' Settembru, 1980, li biha Inez Barbara, wara li ppremettiet:

1) illi hija u Carmel Ghigo, il-konvenut kienu għarajjes u tul dina l-għerusija l-attriċi kkonstatat sinjali fuq il-persuna tal-konvenut li ma għoġbuhiex anzi li beżżgħuha, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2) illi tul l-għerusija l-kontendenti akkwistaw b'kiri mingħand il-Gvern *flat*, li tiegħu l-konvenut ħallas xi kera u għamel xi miljorament, li hu jippretendi li nefaq is-somma ta' Lm272, mil-liema somma l-konvenut qiegħed jippretendi li l-attriċi għandha tħallas nofsha;

3) illi wkoll tul l-għerusija l-kontendenti xtaw *fridge*,

*washing machine* u *cooker* bin-nofs; għal-liema oġġetti l-attriċi ħallset is-somma ta' Lm177.50,1 bħala sehemha;

4) illi l-konvenut għad għandu xi ritratti ta' l-attriċi;

5) illi, minn mindu tħassret l-għerusija, il-konvenut, kontra l-volontà ta' l-attriċi qiegħed iżomm f'idejh, tant l-oġġetti msemmija kemm ukoll ir-ritratti u tliet biċċiet purtieri u *radio* tad-ditta "International" proprjetà esklusiva tagħha;

6) illi l-attriċi ilha żmien twil titolbu lura tant l-affarijiet pretament tagħha u sehma mill-"*value*" tal-*fridge, washing machine* u *cooker*;

Talbet li:

1) jiġi dikjarat u deċiż li l-għerusija bejn il-kontendenti tħassret għar-raġuniijiet imputabbli għall-konvenut u;

2) konsegwentement l-attriċi tiġi dikjarata eżenti li tħallas ebda parti mill-kera u miljoramenti li l-konvenut għamel fil-*flat* imsemmi;

3) il-konvenut jiġi kkundannat jirrestitwixxi lill-attriċi, fi żmien qasir u perentorju, it-tliet biċċiet purtieri, ir-*radio* u r-ritratt tagħha; u

4) il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi sehma mill-prezz tal-*fridge, washing machine* u *cooker*, fis-somma ta' Lm177.50, li hija ħarġet għax-xiri tagħhom;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż flimkien ma' dawka ta' l-ittra

uffiċjali tat-30 ta' Marzu 1980, kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawża billi:

1. tiddikjara li l-għerusija bejn l-attriċi u l-konvenut tħassret għal raġunijiet imputabbli għall-konvenut;

2. tiddikjara illi l-attriċi hija eżenti milli tħallas ebda parti mill-ispiża rigwardanti l-miljoramenti fl-appartament imsemmi fiċ-ċitazzjoni iżda hija tenuta tħallas lill-konvenut il-bilanċ ta' ħames liri maltin a saldu minn sehemha tal-kera ta' l-istess appartament;

3. tordna lill-konvenut jirrestitwixxi minnufih ir-ritratti ta' l-attriċi li huwa għandu f'idejh u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attriċi rigwardanti r-restituzzjoni tar-*radio* u tat-tlett biċċiet purtieri stanti li dawna ġew ritornati lilha mill-konvenut;

4. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin lira maltin u ħamsin ċenteżmu li minnha għandhom jonqsu għoxrin lira maltin trattenuti mill-attriċi kif fuq intqal, in restituzzjoni ta' daqstant ieħor minfuq mill-attriċi fix-xiri ta' *refrigerator, washing machine* u *cooker* li jinstabu għand il-konvenut;

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu sesta parti mill-attriċi u ħames sesti mill-konvenut;

Il-konvenut appella minn din is-sentenza għaliex fiha hemm apprezzament skorrett tal-provi u dan speċjalment meta kkonkludiet illi l-attriċi "kienet fis-sewwa fil-mument li ddeċidiet li tħassar l-għerusija minn mal-konvenut".

Il-Qorti tosserva – f'dan il-każ – illi għar-rigward ta' apprezzament ta' provi, bħala regola, l-apprezzament li jsir fl-ewwel grad għandu jiġi rispettat għas-sempliċi raġuni li din il-Qorti f'każijiet eċċezzjonali biss tisma' provi. Għalhekk, biex il-konvenut jirnexxi fl-appell tiegħu – kif bażat – irid dettaljatament u speċifikament – jindika fejn u kif il-provi ġew stmati ħażin. Il-konvenut ma jsemmi xejn fuq waħda mill-provi maġġuri li għamlet l-attriċi – ċjoè ir-rapport tal-perit ġudizzjarju. Huwa dan li sema' direttament il-provi orali u li għamel l-ewwel apprezzament tagħhom;

Dan kien hemm bżonn li jingħad għaliex huwa veru li t-tortijiet tal-konvenut imsemmija fil-paragrafu 14 tar-relazzjoni – kif hemm deskritti – jistgħu ma jiġux kwalifikati bħala "gravi" fihom innifishom – imma huma hekk kwalifikati mill-ewwel Qorti li ħadithom in konsiderazzjoni. Tgħid infatti is-sentenza:

"Il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni d-diversi dettalji li ssemmew mill-attriċi, waslet għall-konklużjoni illi kien hemm raġuni gravi biżżejjed biex tiġġustifika li l-attriċi taqta' minn mal-konvenut. Il-kwadru mpinġi f'moħħha miċ-ċirkustanzi li kien hemm meta hija ħadet din id-deċiżjoni, kien wieħed li ma kienx jawspika futur tajjeb għaliha bħala l-mara tal-konvenut;"

Din il-Qorti tifhem illi aktar mill-kunċett ta' "gravità" solita għal dak li hija n-natura tal-prova – dak li jikkwalifika sewwa

l-gravità tas-sitwazzjoni huwa r-rifless illi d-deċiżjoni li wieħed jiżżewweġ, ċjoè l-obbligu li għandu l-għarus jew l-għarusa, li jesegwixxi dak li jkun wiegħed – in-natura tal-kuntratt imwiegħed huwa tali illi rtirata minnu timponi gravità ta' motivazzjoni;

Fil-kamp ta' wegħdiet ta' żwieġ, il-liġi tagħna – fil-Kapitolu 5 tikkontempla illi d-danni jiġu kkawżati meta l-wegħda tinkiser "volontarjament u llegalment" u tipprovdi wkoll illi f'dak il-każ għandhom japplikaw "l-istess regoli stabbiliti mil-liġi għat-talba ta' danni għall-ksur ta' kull wegħda, kuntratt, jew ftehim ieħor";

Għalhekk kienet il-ġurisprudenza li r-raġuni li tiġġustifika li waħda mill-partijiet tieqaf mill-wegħda tagħha u toqgħod li hija tista' tħassar il-kuntratt – ikkwalifikata bħala "gravi". Ċertament f'dan is-sens l-atteġġjament tal-konvenut fil-kawża – rigward l-istat ta' saħħtu u l-opposizzjoni tiegħu li jieħu l-passi neċessarji – biex jistabbilixxi b'mod kompetenti dak l-istat – f'kuntest ta' żwieġ futur – tikkostitwixxi raġuni gravi li awtorizzat lill-attriċi li ma twettaqx il-wegħda u titlob id-danni li dak il-komportament tal-konvenut ikkawżalha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjeż kontra l-konvenut.